MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI) KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.
MIZZI ANTONIO LL.D.**

Seduta tad-19 ta' Dicembru, 2002

Numru 690/2001

Il-Pulizija
(Sp Carmelo Magri u
Sp Neville Xuereb)
vs
Salaheddin Masoud Kmeda, iben
Masoud, imwieled Tripoli, Libya
fl-1 ta' jannar, 1973

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fil-31 ta' awissu, 2001, għal ħabta tal-10.30 a.m. mill-ħanut bl-isem 'South Bank Take-Away', fi Triq San Patrizju, Birżebbuġia kkometta serq ta' somma flus kontanti għad-dannu ta' Lorenza Caruana minn Birżebbuġia liema serq hu kkwalifikat bil-valur li ma jeċċedix l-elf lira maltin (Lm1,000);
2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi u fil-ġranet ta' wara din id-data, xjentement laqa' għandu jew xtara

ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom. Il-Qorti ġiet mitluba sabiex minn barra l-piena stabbilita'mill-liġi tiddikjara lill-persuna hawn fuq imsemmija bħala immigrant projbit u toħroġ Ordni ta' Tneħħija kontra tiegħu.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedeura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta' diċembru, 2002 fejn l-imputat ammetta l-akkuża ta' serq miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tat-tieni akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkuża. Issib lill-imputat ħati tal-ewwel akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(ċ), 267 u 279(a) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta' għaxar xhur priġunerija. Minn tali perjodu jrid jitnaqqas
il-perjodu ta' l-arrest preventiv. Inoltre, rat l-artikoli 14 u 15 tal-kapitolu 217
tal-Liġijiet ta' Malta, tiddikjarah immigrant projbit u tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Tneħħija kontra tiegħu.